10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 4**

**It-Tnejn 5 ta' Awwissu 2024**

Il-laqgħa numru 4 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Tnejn 5 ta' Awwissu 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana (onlajn)

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri t'apoloġija però ġie innotat li Sa. Sultana qeda preżenti online minħabba mard.

**2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

Is-sur Sultana ġibed l-attenzjoni li f':

**Punt 2.1** - l-aħħar paragrafu kellhom isiru *crash barriers* u mhux *bollards* ħdejn il-każin tal-futbol

**Punt 2.2.1** - il-kelma koppja trid tiġi kopja u li hu kien iddikjara li ma jaqbilx li l-ħlas tal-Eco wardens u Festa 2022.

**Punt 2.4** - il-kelma koppja kellha tiġi kopja u kellu jiżdied ukoll li Sur Sultana irrimarka li l-Kenniesa kellhom jużaw il-karretti sabiex iwasslu l-boroż mimlijin sa ħdejn il-*pick up point* u mhux iħalluhom fejn spiċċaw.

**Punt 2.7** - Għanda titneħħa l-frażi mill-kunsilliera kollha ġaladarba hemm il-kelmiet qbil unanimu.

**3 Punti li jitqajmu mill-minuti**

Is-sindku spjega li Sur Grech għandu laqgħa ma' R.I.G.H.T.S sabiex jitkellmu fuq il-proġett.

Is-sindku qal ukoll li qiegħed f'komunikazzjoni diretta mal-MEER fuq il-Echarging pillars, kif ukoll tlestiet il-formola ta' applikazzjoni tal-isleeping police. Din tinstab il-kunsill lokali kif ukoll tista' timtela online.

Is-Sindku qal li hemm ukoll skedata laqgħa mat-Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni fuq il-camera. Fuq il-*bollards/crashbarriers* ħdejn il-każin tal-futbol kien suġġeriment u għalhekk bħala kunsill għad ma kienx hemm deċiżjoni fuq hekk hux ħa jkunu installati jew hekk hux ser nistennew il-laqgħa ma' TM sabiex naraw ittaffix il-problema. Is-Sur Carabott irrimarka li jaħseb li hekk tiġi installata

*speed camera*, din mhux ħa solvi l-problema forsi nsibu sistemi li jaqbdu aktar fit-tul jew iż-żewġt naħat.

Is-Sur Sultana saqsa lis-Sindku fuq ix-xogħlijiet ta' Triq il-Parata u Triq Emanwel Attard li kien twaqqaf ħabba l-festa. Is-Sindku wieġeb li kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta fuq dan il-proġett li ser ikompli wara li Infrastructure Malta jidħlu lura mill-vaganzi ta' Awwissu. Is-Sur Sultana saqsa hekk kienx hemm *timeline* ta' kif se jkun qed jaħdem il-proġett, imma sindku wieġeb li s'issa għadu ma rċieva xejn.

Is-Sindku spjega li ser ikun qed jitkellem mas-Sur Carabott fuq Triq Emanwel Attard minħabba li jinżel ħafna ilma l-periti ħarġu b'suġġeriment li jsiru xi pjanti sabiex jilqgħu għal ilmijiet mill-bankina. Is-Sur Vella irrimarka li hemmhekk kien hemm sleeping police li inqalet u li kienet tilqa' għal ilmijiet.

Is-Sur Vella saqsa hekk hux possibbli li jsiru calverts sabiex itaffu din il-problema imma Sindku qal li le għax l-entitajiet ma' kienux irrimarkwom. Is-Sur Carabott qal li hekk mhux se jinġabar l-ilma li jinżel l-ebda soluzzjoni mhu ser itaffi l-problema. Is-Sur Vella saqsa ukoll hekk ix-xogħol fuq Triq in-Nagħal u Triq l-Inkwina hux lest. Is-Sindku wieġeb li fadal l-aħħar saff ta' tarmakk. Il-concrete bays ser jibqgħu kif inhuma sabiex hekk ikun hemm bżonn li jitħaffru is-servizzi ma' titkissirx it-triq.

Is-Sindku irrimarka ukoll li l-bank twaħħal bl-approvazzjoni tal-iscouts group. Is-Sur Sultana għamel osservazzjoni fuq id-dog bins li dawn qatt ma' twaħħlu ħdejn id-djar tan-nies. Is-Sindku stqarr li dak ta' Triq il-Fawwara kien viċin in-nies.

Is-Sindku saqsa lis-Sur Carabott kif mixi l-proġett tal-Ubars. Is-Sur Carabott informa li bħalissa għaddej il-proġett tal-Palazz l-Aħmar, u warajh jibda l-proġett tal-U-bars.

Fuq l-MOU mal-cleansing, is-Sindku qal li hemm laqgħa pjanata mas-Segretarju Parlamentari. Is-Sur Carabott saqsa għal-iskeda tal-knis. Is-Sindku bagħat l-iskeda tal-knis dak il-ħin lill-kunsilliera kollha. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ukoll li dawn l-aħħar ġimagħtejn din l-iskeda ma kienetx qed tiġi segwita minħabba tindif tal-festa.

Is-Sindku informa ukoll li l-parkeġġ fi Triq Qormi infetaħ fi żmien il-festa u hemm laqgħa pjanata mas-segretarju permanenti.  Infetaħ ukoll il-parkeġġ ta' Triq Braille li huwa ukoll fil-pjan li jitkomplew it-taħditiet mal-ministeru.

Is-Sindku informa li tabib tal-ħaddiema beda jiġi użat ukoll.  Is-Sur Sultana, saqsa fuq il-prezz tas-Social Media Management fejn is-Sindku spjega li l-quote hemm parti minna li qed tħaddem il-whatsapp channel.  Ġie mgħarraf ukoll li bħalissa hemm 256 persuna assoċjati mal-whatsapp channel.

4 **Rapporti / Korrispondenza mis-sindku**

4.1 **Devolution**

Is-Sindku semma' li hemm possibilità li artijiet tal-gvern issir devoluzzjoni lil-kunsill lokali.  Hu qal li ġew identifikati 3 siti li huma:

- Il-ħofra ta' ħdejn il-Kunsill Lokali
    - Is-Sur Sultana irrimarka li diġà hemm ftehim u li ser ikun qed jibgħat kopja tiegħu.
    - Il-biċċa l-antika tal-ġnien Romeo Romano
    - 2 kmamar fi Triq Qormi

Is-Sur Sultana irrimarka li meta tapplika għal devoluzzjoni irid ikollok Business Plan sod, u li tkun taf eżatt għalxiex ser tkun qed tuża din l-art kif ukoll il-finanzi sabiex teżegwixxih.  Is-Sindku irrimarka li l-ġnien diġà qed jieħu ħafna sforzi u finanzi bħal knis, ġardinar u aktar u issa ser ikun qed jaħdem fuq il-latrini mingħajr ma' l-kunsill għandu titlu legali fuqu.

Is-Sindku spjega li l-ewwel fażi tal-ġnien tlestiet minn Project Green, it-tieni fażi kienu l-uffiċini u wara kien għad fadal proġett fil-ġnien. Is-Sur Carabott irrimarka, li importanti li hekk il-kunsill japplika għad-devoluzzjoni tat-tielet parti tal-ġnien, ir-restawr isir xorta u mhux ikun irid jiġi iffinanzjat mill-kunsill. Dan għaliex il-kunsill ma jiflaħx għal spiża bħal din.  Is-Sindku qal li hekk ikollna devoluzzjoni, ikollna aktar titlu fuq il-parti tal-ġnien li diġà qed nieħdu ħsiebu.  Nistgħu ukoll nagħmlu xi ħaġa bħalma sar fil-Kitchen Garden minħabba li trid ħafna kapital biex żżomm ġnien bħal dak.

Fil-leġislatura l-oħra ħarġet sejħa ta' interess u anke tender sabiex il-kunsill ikun jista' joffri spazju għal workshops u laqgħat.  Is-Sur Carabott saqsa x'inhu l-pjan għal ħofra, is-Sindku qal li fil-passat kien hemm ideat u suġġerimenti u hemm anke pjanti, imma din trid tkun item aġenda u tiġi deċiża aktar il-

quddiem. Is-Sur Vella hekk din il-bija hux ħa tkun il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din hi deċiżjoni tal-kunsill. Is-Sur Sultana irrimarka li studji passati urew li biex jinbena l-parkeġġ u l-ewwel sular kien ser jiġi jiswa eluf ta' ewro.

Is-Sa Sultana staqsiet hekk ikunx hemm għajnuna mill-gvern, imma s-Sur Sultana spjega li biex tagħmel hekk tkun trid toqgħod tistaqsi lil kull dipartiment u tipprova tasal wieħed wieħed. Is-Sur Joe Vella saqsa hekk il-kunsill jistax jieħu loan. Is-Sindku wieġeb li iva jista', imma jkun irid tgħaddi mill-parlament biex jiġu verifikati li l-kunsill jiflaħ għar-repayment. B'hekk qed tiżgura cash liquidity.

Is-Sur Vella saqsa ukoll hekk il-kunsill jikkunsidra jidħol f'PPP. Is-Sindku qabel u qal li għalhekk iridu jsiru diskussjonijiet sabiex ikun deċiż x'ser isir. Is-Sa Sultana qalet li l-binja tal-Kunsill trid issir peress li l-kunsill presenti mhux aċċessibbli.

Is-Sindku qabel, u qal ukoll li wara li titlesta l-binja l-ġdida irid jiġi deċiż x'ħa jsir bil-binja eżistenti. Irid ikun hemm pjan olistiku anke fil-fatt li t-triq hi dik li hi, u ma tiflaħx għal ħafna karozzi hekk ser ikun hemm ċentru ċiviku, day centre, librerija, l-Kunsill lokali u oħrajn. Inutli jinbena hekk ma jkunx hemm parkeġġ adegwat għax in-nies jaqtgħu qalbhom.

Is-Sur Sultana irrimarka ukoll li kien hemm art fi Triq il-Ferrovija li għalija l-Kunsill jista' japplika għal devoluzzjoni. Kien hemm proġett li jsir parking u fuq park u skate park. Is-Sur Silvio Vella saqsa hekk jistax din il-binja tiġi l-binja tal-Kunsill Lokali imma ġie spjegat lilu mis-sur Sultana li hemmhekk ODZ u allura fuq irid ikun greenery/openspace. Is-Sa Sultana staqsiet jistax isir xi ħaġa bħal l-isptar tal-annimali f'Ta' Qali. Is-Sindku ikkonferma li dak hu li kienu qed jitkellmu dwaru.

Is-Sur Sultana saqsa hekk nistgħux naraw ukoll xi djar vojta għandu l-gvern fil-lokalita bħal per eżempju l-berġa li tista' tintuża bħala sub post office jew social service. Is-Sindku irrimarka li bħala ċentru tas-saħħa mhux biżżejjed imma is-sur Sultana qal li jistgħu joffru ċerti servizzi tas-saħħa. Is-sur Carabott qal li l-kunsill irid jiltaqa' speċifikament fuq dan is-suġġett u jiddeċiedi x'ser isir.

Is-Sindku irrimarka li ser ikun qed jitkellem mad-dipartiment tal-artijiet, u jinforma l-kunsill fuq dak li joħroġ minn dawn il-laqgħat.

**4.2 European Week of Sports Local Councils' Initiative**

Is-Sindku qal li rċieva korrispondenza fuq inizjattiva li l-Kunsill kien jagħmel qabel fejn kienet issir sports day man-nursery. Is-Sa Sultana qalet li hi kienet ser tissuġġerixxi li tingħalaq Triq il-Kbira u quddiem il-Kunsill Lokali issir sports day b'differenza. Hekk issir il-Ħadd kien ukoll jitnaqqas l-inkonvenjent tat-traffiku.

Is-Sindku qal li għal din l-inizjattiva ma kienx hemm fondi mhux bħal Car free day. Is-Sur Silvio Vella qal li l-Kunsill għandu jkellem lin-nursery, u s-Sur Joe Vella żied jgħid li l-kunsill għandu jdaħħal ukoll lil tal-boċċi. Is-Sindku qal li nistgħu nibdew billi jsir tournament tal-boċċi bejn l-għaqdiet kollha tal-lokal, u l-finali ssir viċin l-14 ta' Novembru – Jum Santa Venera.

Din kienet inizjattiva li qabel kienet bdietha l-Fondazzjoni Vendriża imma ilha ma ssir mit-2012. Għalhekk is-Sur Carabott qal li għandu jsir kollaborazzjoni magħhom. Is-Sindku ma' qabilx u qal li l-kollaborazzjoni għanda ssir ma' tal-boċċi u l-Fondazzjoni tkun parti mill-attività kollha.

Għalhekk ġie deċiż li issir laqgħa ma' tal-boċċi u din l-attività tiġi proposta lilhom. Is-Sur Grech saqsa għala ser tkun boċċi biss, imma Sindku qal li jista' jkun hemm logħob ieħor u jistgħu jiġu involuti NGOs oħra bħal MOVE li jistgħu jagħmlu logħob tradizzjonali u logħob ġdid fi triq.

Għalhekk ġie maqbul li ser jiġu ikkuntattjat l-MOVE u anke l-boċċi club ta' Santa Venera sabiex tinħoloq attività ibbażata fuq slow streets.

**4.3 Phoenix Business Centre**

Is-Sindku informa lill-kunsilliera li rċieva talba mingħand il-Phoenix Business Centre sabiex jużaw spazju fi triq biswit l-uffiċini tagħhom għal 2 skips. Il-Kunsill qabel li bħala kunsill hu favur il-bilanċ bejn il-business u r-resident, imma hekk isir 2 skips barra fi triq jispiċċaw miżbla u iżiedu l-ħmieġ u aktar inkonvenjent għar-residenti.

Għalhekk din it-talba ġiet irrifjutata.

**4.4 Un/loading Bay**

Kien hemm talba minn Transport Malta sabiex issir un/loading bay quddiem il-ħanut The Tub. Il-Kunsill irrimarka li fl-istess triq hemm diġa 2 un/loading bay fil-viċinanzi li jistgħu jintużaw minn din l-entita' dawn huma dawk quddiem il-MilleProfumi u l-ironmongery peress li dawn jistgħu jintużaw minn kulħadd u mhux marbutin speċifikament ma' dawn l-entitajiet kummerċjali.

Għalhekk din it-talba ġiet irrifjutata.

Is-Sur Vella spjega ukoll li ntbagħtet email fuq xogħol ta' Bankina. Dan qed isir xogħol ta' iskavar ħdejn Kriss Snackbar u għalhekk il-bankina ħierġa go nofs il-parking bay. Għalhekk b'dan il-proġett ser jintilef parking tal-Aġenzija Sapport u parking bay oħra. Il-Kunsillier spjegaw li mhux jifhmu l-pjanta għalhekk din għanda tiġi diskussa mal-perit.

Il-Kunsilliera irrimarkaw ukoll li f'dawn l-inħawi għandu jiżdied l-enforcement peress li qed isir parkeġġ doppju u anke tripplu parking u dan joħloq periklu kbir. Għalhekk għandu jsir xi tip ta' bollards biex ma jipparkjawx u ma jinħoloqx aktar inkonvenjent.

Is-Sindku qal li bħala kunsill irridu nitkellmu mal-pulizija u enforcement unit sabiex huma jkunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol. Il-Kunsill ma' jistax jieħu fi ħdanu ukoll l-enforcement għax m'għandux is-saħħa biex jagħmel dan.

## 5 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġ:

**5.1 Siġar fil-perimetru tal-iskola**

Is-Sindku qal li s-Sur Carabott bħala kunsillier responsabbli mill-ambjent iltaqa' ma' Surmast tal-iskola Saint Michaels sabiex li l-Kunsill rċieva rapport mill-perit tagħhom li jgħid li xi 10 siġriet qed jikkawżaw periklu fir-retaining wall ta' madwar l-iskola. Ir-rapport qed jgħid li għandhom jinqalaw dawn l-10 siġriet li jinsabu fi triq il-Palazz l-Aħmar.

Is-Sa Sultana ikkummenta li leġislatura l-oħra riedu jaqilgħu biss waħda. Is-Sur Carbott kompla jispjega li hu iltaqa' mas-Surmast u waqt li kien fl-iskola seta' josserva li kien hemm xi knatan fuq il-ħamrija li

waqgħu minn dan il-ħajt. Is-Surmast qal ukoll li avolja ir-rapport jgħid li jridu jinqalgħu 10 siġriet, is-surmast jixtieq li jaqla' biss dawk li qed jagħmlu ħsara u hekk l-oħrajn b'żabra tajba ma jikkawżax ħsara ikunu jistgħu jitħallew fil-post. Il-problema mhux biss qeda fl-għeruq, peress li qed jimbotta iċ-ċint il-ġewwa, imma ukoll il-friegħi tas-siġar qed iserħu fuq iċ-ċint u jikkawżaw aktar ħsara. Is-Sur Sultana qal li waħda minnhom iva, hemm bżonn li tinqala jew tinżabar sew peress li qeda ikkripata fuq iċ-ċint.

Għaldaqstant ġie maqbul li bħala kunsill isir kuntatt mal-perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rapport hu, kif ukoll jiġu ikkuntattjati l-ERA għal kummenti tagħhom.

Is-Sindku spjega ukoll li issa li l-kunsill qed jikkoopera fuq dawn is-siġar, il-vannijiet tal-iskola fi Triq il-Palazz l-aħmar għandhom jiddaħħlu fil-perimetru tal-iskola.

**5.2 Mistoqsijiet lis-sindku**

Is-Sur Carabott bagħat email lill-aġent Segretarju Eżekuttiv, sabiex jitlob spjegazzjoni mis-sindku, kif il-kunsill lokali ħareġ stqarrija meta sa fejn naf jien hemm seba' kunsilliera u tlieta minnhom ma kinux jafu b'dan?

Is-Sindku wieġeb li kwalunkwe sindku seta' joħroġ stqarrija peress li Sindku jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali. Is-Sur Carabott qal li l-Kunsill Lokali mhux is-Sindku u l-Kunsill Lokali hemm 7 min-nies. Is-Sindku jirrimarka li hu jirrappreżenta l-Kunsill Lokali imma s-Sur Carabott spjega li l-Kunsill Lokali mhux is-Sindku imma l-Kunsilliera kollha. Is-Sindku baqa' jsostni li bħala sindku għandu dritt li joħroġ stqarrijiet bħal dawn.

Is-Sur Silvio Vella jirrimarka li fl-14 ta' Awwissu l-Kunsill ser ikun qed iferraħ ftit l-anzjani permezz ta' taħdita fuq il-festi ta' Santa Marija f'Malta minn Mario Coleiro. Wara mbagħad ser ikun qed jingħata ftit ikel lil kull minn jattendi. Din ser issir fiċ-ċentru ta' matul il-jum.

**5.3 Rapport – Siġar għal Triq il-Kbira San Gużepp**

Is-Sindku talab lis-Sur Carabott jispjega fuq dan ir-rapport li ġabar fuq is-siġar għal Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sur Carabott qal li hu ikkuntattja l-ERA u spjega s-sitwazzjoni li hemm bħalissa fi Triq il-kbira San Ġużepp kif ukoll fuq il-konki l-vojta. L-Era issuġġeriet li bħala siġar l-aħjar li jitħawlu hu huma spjegaw ukoll li l-Brażiljan Pepper Tree ma tistax titħawwel. Iż-żebbuġa sabiħa imma toħloq inkonvenjent peress li twaqqgħa l-frott bil-konsegwenza li nies jistgħu jiżolqu u it-tebgħa l-art.

ERA rrakkomandat siġar indiġeni bħas-siġra Ta' Ġuda u oħrajn li mhumiex indiġeni. Wara li s-Sur Carabott tkellem mal-ERA tkellem ukoll ma' xi NGOs bħal:

- Flimkien għal ambjent aħjar
- Friends of the Earth
- Nature Trust

Is-Sur Carabott spjega li dawk il-konki li diġà fihom siġra, din ma' tistax tinqala' anke hekk jerġgħu jħawlu oħrajn. Hekk titħawwel is-siġra ta' Ġuda, fi Triq ser ikollok 3 tipi ta' siġar. Id-deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti kienet li jiġu kollha l-istess u kien hemm il-ħsieb li jinqala' żebbuġ li hemm u jitħawwlu siġar oħrajn. Is-Sur Carabott qal li ser jerġa' jsaqsi lil-ERA fuq dawk is-siġar li qed jagħmlu ħsara sabiex it-triq tiġi kollha l-istess.

Ir-rakkommandazzjoni tal-ERA hi jew is-Siġra ta' Ġuda jew il-Jacaranda. Is-siġra ta' Ġuda ikollha l-weraq biss għal 3 ġimgħat fis-sena filwaqt li l-Jacaranda ikollha l-fjuri għal xahar jew xahar u nofs fis-sena. Sabiex l-għeruq tas-siġra ta' Ġuda ma jagħmlux ħsara iridu jiġu installati rooth barriers li jinżlu l-isfel u li magħhom inniżżlu l-għeruq tas-siġra. Iż-żewġt tipi ta' siġar iwaqqgħu l-weraq fix-xitwa.

Għaldaqstant is-Sur Carabott kien qed jissuġġerixxi li l-proġett għandu jinqasam fi tnejn. Il-parti tat-triq li hi residenzjali u l-parti tat-triq li mhux residenzjali, minħabba li dawn iwaqqgħu l-weraq u fjuri. Is-Sur Carabott wara konsultazzjoni mal-ERA qed jissuġġerixxi li fil-parti residenzjali jitħawlu siġar Bay Laurel – Siġar tar-Rand. Dan għal fatt li ma jwaqqgħux fjuri u lanqas weraq, huma siġar Ever Green, u ma jagħmlux ħsarat fil-bankina. Filwaqt li fil-parti mhux residenzjali jitħawwlu Jacaranda jew Siġra ta' Ġuda. Quddiem Apap Institute hemm siġra tal-Palm li qed tifqa' l-bankina.

Is-Sur Carabott qal li ser ikun qed jagħmel kuntatt mal-ERA sabiex jiġu fuq il-post jaraw is-siġar li qed jagħmlu l-ħsara u naraw x'soluzzjoni ikunu qed jissuġġerixxu.

Għaldaqstant l-ERA ser ikunu qed jiggwidaw il-Kunsill kemm fuq Triq il-Kbira San Gużepp, kif ukoll fuq l-iskola Saint Michael.

Is-sindku qal li dawn ser jitħallsu minn Infrastructure Malta.

**6 Ilmenti**

**6.1 Bozza fi Triq Palazz l-aħmar**

Il-kunsill rċieva ilment li l-bozza mhux qed taħdem u meta mar fuq il-post il-contracts manager, innota li din il-bozza qiegħda mwaħħla mal-faċċata ta' dar privata bil-konsegwenza li qiegħda mottija bis-siġar.

Kien hemm qbil unanimu li jsir arblu fuq il-bankina sakemm il-bankina hi wiesa biżżejjed għal dan.

**6.2 Ilmenti Ġenerali**

Ilmenti ta' Ġunju

| | |
|---|---|
| 145 | Saret |
| 146 | Fejn? Bollards ma jistgħux isiru fuq direzzjoni ta' TM |
| 147 | Spot lights hemm applikazzjoni |
| 148 | Contracts manager |
| 149 | ix-xogħol qed isir |
| 152 | Il-Madre ma kienetx taf li jinqalgħu |
| 153 | Xogħol Tlesta |
| 154 | Jintbagħatu l-ħaddiema tal-Kunsill |
| 155 | Reġa' twaħħal |
| 156 | Liema parti ta' Triq il-Kanun? |
| 157 | Is-Sindku ser jitkellem mal-Perit Conti |

Is-Sa Sultana talbet li tiġi skużata peress li kienet qed tħossha ma' tiflaħx.  Talba ġiet aċċettata

**Ilmenti ta' Lulju**

| | |
|---|---|
| 158 | Tintbagħat l-formola l-ġdida fuq sleeping police |
| 160 | Xogħol sar |
| 163 | Kien office space imma ġie ikkonfermat mill-contracts maniġer li qed jintuża bħala garaxx |
| 164 | Is-Sindku spjega li kellimhom personalment – Ubar ma jridux.  Ser tinġieb quote fuq kemm tiġi mingħand il-kuntrattur |
| 165 | Xogħol lest |
| 167 | BCRS ser jiġu ikkuntattjat sabiex jaħslu aktar spiss |
| 168 | CMD naddfu |
| 169 | Contract manager |
| 174 | Bollards ma jistgħux isiru għax mhumiex fil-linji gwida li nħarġu minn TM.  Ser nitkellmu ma TM |
| 175 | Is-Sindku spjega li din il-persuna kellimha personalment u hu mhux ħa jaċċetta theddid personali fuqu.  Din il-persuna riedet li tabella titwaħħal ma' faċċata ta' ħaddieħor.  Ngħata Alternattiva li titwaħħal ħdejn drive-in tal- garaxxijiet imma baqa' jirrifjuta |
| 176 | Contract manager sabiex jara tabelli żejda jew neqsin li hemm minħabba xogħlijiet. |

Is-Sur Silvio Vella talab li jkun skużat – talba ġiet aċċettata

| | |
|---|---|
| 180 | Inkellmu lil faces |
| 181 | X'hemm bżonn jitranġa? |
| 183 | TM |
| 184 | Fejn? |
| 192 | Contract manager |
| 193 | Contract manager |
| 197 | CMD |

| | |
|---|---|
| 197a | Contract manager |
| 201 | Tista' ssir |
| 205 | Tista' ssir – kemm naraw kif ser tinkiteb bħal tal-Lidl |
| 206 | Saret |
| 208 | Contract manager |
| 208b | Triq? |
| 210 | Jitbattal aktar frekwenti |

Fuq Triq Vivion u l-MC Bay, is-Sindku qal li tneħħa minħabba li f'każ ta' emerġenza m'hemmx aċċess.

Dan ser jerġa' jsir f'post ieħor.

Ilmenti bl-email

| | |
|---|---|
| A | Infrastrucutre Malta ħa jissupplixxu l-pjanti u jerġa jitħawwlu |
| B | Jitneħħa mill-Bulky |
| C | Ngħamlu sticker |
| D | Ok |
| E | Ok tpoġġa |
| Stephen | Refresh Żebgħa Triq il-Brunzar – Ħaddiema tal-Kunsill |
| | Skart – Triq il-Parilja – jintbagħatu l-eco wardens |
| | Skart – Pjazza Franka – Jintbagħatu l-eco wardens |
| | Skart – Misraħ il-Barrieri nr 310 – intbghatu l-eco wardens diġà |

Il-Kunsilliera jixtiequ jistaqsu għal rapport taċ-ċitazzjonijiet li ngħataw

Stephen – Triq is- Sol qed ikun hemm container regolari u qed joħroġ one way

Il-Pulizija infurmati

Is-Sur Joe Vella – hemm bżonn ta' refresh tar-road signs kollha

Is-Sindku informa li l-U-Bars qed isiru mill-ħaddiema tar-Reġjun Nofsinhar.

**7. Data għal attivita' tal-Milied**

Is-Sindku ippropona li data għal attivita' tal-Milied issir nhar it-12,13,14 ta' Diċembru. Il-Kunsilliera qalu li 12 hu il-Ħamis u għalhekk jippreferu li dati jkunu 13, 14 u 15 ta' Diċembru 2024.

Kulħadd qabel ma dawn id-dati.

**8. Isem ġdid ta' parti mit-Triq il-Kbira San Gużepp**

Fuq dan kien hemm email fejn il-kunsilliera setgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom, Għaldaqstant peress li sar il-ħin, ir-risposta ser timxi ma' dak li ntqal fil-korrispondenza.

**9. Mozzjoni - Skema**

Is-Sindku ippropona li għal-iskema li ħareġ mid-DLG *SPI*/SCI/04/2024

Suġġett: Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

Il-Kunsill japplika l-fondi sabiex isir tisbiegħ fi Triq il-Kbira San Gużepp.

Il-Kunsilliera qablu kollha.

**10. Intervisti għall-pożizjoni vakanti tas-Segreatrju Ezekuttiv**

Hawnhekk l-aġent segretarju Eżekuttiv ħarġet barra sabiex il-kunsilliera setgħu jitkellmu aħjar.

Is-Sindku informa il-kunsilliera li l-kunsill lokali għandu l-post vakanti tas-segretarju eżekuttiv, u għalhekk is-sindku qed jissuġġerixxi li l-interview board għandu jkun magħmul mis-Sur Stanley Spiteri, Karen Scicluna Segretarju Eżekuttiv ta' Marsaxlokk, Karen Camilleri Assistent Direttur id-DLG.
Is-segretarju tal-Board ser ikun is-Sur Paul Gatt.
Il-kunsilliera qabel kollha.

**11. Approvazzjoni tal-pagamenti**

L-aġent Segretarju infurmat li l-kumment fl-aħħar laqgħa tas-CMD ġiet rratifikata. Is-Sur Sultana qal li hu jibqa' xorta ma jaqbilx mal-pagament tal-Lesa.

Fuq il-ħlas tas-shuttle bus fi żmien il-festa, sabiex il-kunsill jissellef l-van mill-kunsill lokali tal-Marsa kellna bżonn l-approvazzjoni tal-ministru u kienet qed tiġi wisq ikkumplikata. Għalhekk sibna mod privat li fl-aħħar mill-aħħar ġiet irħas.

Item 555 – Is-Sur Sultana saqsa għal din id-darba ġie iktar għoli mis-soltu
Item 495 – Saret Road Sign waħda

Il-Petty Cash ġiet approvata mill-proponenet Darren Grech, u Sekondant Stephen Spiteri.
L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata biss mis-Sur Darren Grech.

**12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Laqgħa b'urġenza sabiex tiġi iffirmata l-iskeda ta' pagamenti. Din il-laqgħa ser issir fi 8 ta' Awwissu 2024.

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Tiffany Abela

Aġent Segretarju Eżekuttiv